Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell 667/2014/1

**Inigo Borg [I.D. 75089 M]** **(appellat)**

**Vs**

**Isabel Giardina** **(appellanta)**

Il-Gimgha, 28 ta' April, 2017.

Permezz ta' avviz, l-attur talab lit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar is-segwenti:

> *"Illi l-attur ezegwixxa diversi xogholijiet ta' eletrician u plumber liema xogholijiet kienu ezaminati u vvalutati mill-Perit Andrew Vinci, kopja ta' liema certifikazzjoni qieghda hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A;*
>
> *Dawn ix-xogholijiet saru skont is-sena u l-arti u skont l-istruzzjonijiet u fil-fond tal-intimata;*
>
> *Tghid ghalhekk l-intimata ghala m'ghandiex thallas l-ammont ta' tlett elef, erbgha u tletin ewro punt sitta u tletin centezmu (€3,034.36) flimkien mal-ammont ta' mitejn, wiehed u ghoxrin ewro punt hamsa u ghoxrin centezmu (€221.25) bhala spejjez ghall-inkarigu tal-Perit Andrew Vinci, b'total ta' tlett elef, mitejn, hamsa u hamsin ewro punt wiehed u sittin centezmu (€3,255.61) bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv."*

Permezz ta' risposta, il-konvenuta wiegbet:

> *"Fl-ewwel lok il-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar a tenur ta' l-artikolu 2148(a) tal-Kap. 16 tal-ligijiet ta' Malta;*
>
> *Fit-tieni lok xejn ma huwa dovut lil attur billi: ix-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti u lanqas skond kif kien miftiehem; ic-certifikat tal-perit Andrew Vinci filfatt ma jirriflettix il-ftehim f'liema kienu dahlu l-partijiet qabel ma sar ix-xoghol.*
>
> *Fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall-premess in-nullita' tat-talba billi evidentement l-attur lanqas ma qieghed jiddikjara VAT, tant li lanqas ma esebixxa invoice fiskali – il-pretenzjoni ta' l-attur ghalhekk huwa bi frodi ghall-erraju pubbliku;*
>
> *Fir-raba lok il-pretenzjoni hija infondata fil-fatt u fid-dritt;*
>
> *Salv eccezzjonijiet ohra fil-fatt u fid-dritt."*

Illi l-konvenuta qajmet ukoll l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' sentejn a tenur ta' l-Artikolu 2149 (a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Permezz ta' sentenza (datata 17 ta' Marzu, 2015) it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar iddecieda:

> *"Fir-rigward tal-preskrizzjoni t-Tribunal huwa tal-fehma li ladarba l-partijiet qablu li jgibu perit allura t-tnejn kienu qed jistennew ir-rapport tal-perit rispettiv taghhom, it-Tribunal ghalhekk jichad din l-eccezzjoni u dan peress ukoll illi l-konvenuta ma tistax tecepixxi preskrizzjoni u fl-istess waqt tghid illi l-kont huwa wiehed oghli.*
>
> *It-Tribunal huwa tal-fehma illi minkejja li x-xoghol tal-attur sar sew dan ma tlestiex kollu u minbarra kellha ukoll dubju tal-points. Ghalhekk it-talba tal-attur it-Tribunal jirriduciha ghal elfejn u hames mitt ewro (€2,500).*
>
> *It-Tribunal ghalhekk jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-attrici limitatament ghal ammont ta' elfejn u hames mitt ewro (€2,500) u jikkundanna lill-konvenuta thallas l-ammont lill-attur bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-avviz sad-data tal-pagament effettiv.*
>
> *Spejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenuta".*

Il-konvenuta appellat mis-sentenza. L-aggravji huma:

1. Illi t-Tribunal ma ddecidiex l-eccezzjonijiet ta' preskrizzjoni mressqa mill-konvenuta u lanqas qalet jekk dawn l-eccezzjonijiet gew michuda jew le u/jew liema eccezzjoni ta' preskrizzjoni giet michuda meta tghid *"huwa tal-fehma li la darba l-partijiet qablu li jgibu perit allura t-tnejn kienu qed jistennew ir-rapport tal-perit rispettiv taghhom, it-Tribunal ghalhekk jichad din l-eccezzjoni";*

2. Illi t-Tribunal ma ghamilx apprezzament tajjeb tal-provi fir-rigward tal-eccezzjonijiet ta' preskrizzjoni kif ukoll fil-mertu. Illi huwa minnu li l-partijiet qabblu li jgibu l-periti rispettivi taghhom fuq il-post, kif fil-fatt ghamlu separatament, izda huwa prassi normali li l-preskrizzjoni tibda tghaddi minn meta nhargu l-kontijiet u/jew *invoices* ghall-pagament li jgibu d-data tat-23 ta' Awwissu tas-sena 2012[1] u **mhux** mid-data tal-eventwali rapport tal-perit/i. Ghalhekk din l-azzjoni hija **carament preskritta** kemm il-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar a terminu ta' l-artikolu 2148 tal-Kap. 16 u kif ukoll il-preskrizzjoni ta' sentejn a terminu ta' l-artikolu 2149 tal-Kap. 16 u dan ghaliex il-kawza kienet saret fis-16 ta' Settembru 2014 u cioe' wara sentejn minn meta nhargu l-kontijiet jew *invoices* relattivi;

3. Illi n-nuqqas ta' apprezzament tal-provi mit-Tribunal irrizulta wkoll fir-rigward tal-mertu tal-kawza. Fil-fatt it-Tribunal li sema' z-zewg periti tal-partijiet *viva voce*, ma tax bizzejjed piz lix-xhieda tal-Perit tal-konvenuta li kien hafna iktar preciz u car fuq dak illi ra u sahansitra kien ipprezenta n-noti tieghu ta' meta mar fil-fond in kwistjoni ix-Xemxija[2];

---

[1] Dan jidher mill-kontijiet ipprezentati mill-attur stess kif jikkonferma hu stess igibu d-data tat-23 ta' Awwissu, 2012.

[2] Immarkati bhala Dok. AA1 a fol. 106 tal-process.

Illi minn naha l-ohra, il-Perit Andrew Vinci ma kienx cert fuq dak illi ra meta mar fuq il-post u l-ewwel jghid li *"meta mort jiena fil-post ix-xoghol kien kollu lest inkluz il-plakek u l-bozoz fil-post",* u wara li jerga jigi mistoqsi in kontro-ezami jghid li *"Jista' jkun illi jkun hemm xi points illi kien ghad fadlilhom xi jsiru. Meta jiena ghidt li dan l-ammont kien ragjonevoli kont qed nirreferi ghal meta jsir ix-xoghol kollu"* u fl-ahhar jghid li *"on second thoughts jista' jkun li kienu ghadhom minghajr plakka",* filwaqt illi l-Perit Avallone xehed car u tond u sahansitra ftakar dawk l-affarijiet li kienu neqsin li ma kienu tlestew haga haga;

4. Illi t-Tribunal lanqas ma ddecieda t-tielet eccezzjoni tal-konvenuta u cioe' in-nullita' tat-talba tal-attur billi evidentement l-attur lanqas ma qieghed jiddikjara VAT, tant li lanqas ma esebixxa *invoice* fiskali u li ghalhekk il-pretenzjoni ta' l-attur huwa bi frodi ghall-erraju pubbliku;

5. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet ta' preskrizzjoni, il-konvenuta m'ghandhiex tigi kkundannata thallas l-ispejjez kollha tal-kawza odjerna u dan ghaliex l-azzjoni hi preskritta kif gia gie spjegat fl-ewwel aggravju u wkoll minhabba l-fatt illi l-ammont li talab l-attur appellat m'huwiex dovut;

Permezz ta' risposta (ipprezentata fid-29 ta' April, 2015), l-attur appellat wiegeb illi:

1. Minn dak li nghad mit-Tribunal stess deher car u tond illi t-Tribunal cahad kwalunkwe eccezzjoni ta' preskrizzjoni ntavolata fil-proceduri odjerni kemm dik taht l-Artikolu 2148(a) u anki dik taht l-Artikolu 2149(a) tal-Kap. 16;

2. **Il-preskrizzjoni giet interrotta meta l-konvenuta ammettiet li hemm ammont dovut minnha lill-appellat. Dan huwa stat legali li interrompa kull terminu preskrittiv.**

3. Il-preskrizzjoni skont l-artikolu 2148(a) m'ghandha x'taqsam xejn mat-tip ta' xoghlijiet ezegwiti fil-fond tal-konvenuta. Ix-xogholijiet ezegwiti mill-attur appellat kienu proprju ta' elettriku u *plumbing*.

4. It-Tribunal ghandu kull dritt li jaghti iktar validita' lix-xhieda ta' Perit partikolari meta mqabbel ma' iehor.

5. Rigward ir-raba' aggravju, din giet trattata b'mod estensiv fil-mori tal-kawza fejn l-attur spjega illi huwa qatt ma setgha johrog ircevuta fiskali meta hu qatt ma rcieva pagament. L-ircevuta fiskali kienet tinhareg kif isir il-pagament dovut, u dan l-allegat nuqqas huwa htija biss tal-konvenuta.

6. L-aggravju tal-konvenuta dwar l-ispejjez, hu nfondat. L-attur kellu jipproponi dawn il-proceduri ghaliex il-konvenuta rrifjutat li thallas. Ghalhekk l-attur kellu ta bilfors jipproponi din il-kawza.

Il-qorti qrat l-atti.

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

1. Il-qorti ma taqbilx li s-sentenza hi nulla in kwantu fis-sentenza jinghad li t-Tribunal cahad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u ta r-raguni ghalfejn. Hu veru li kien hemm eccezzjoni ta' preskrizzjoni skont l-artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili, u ohra skont l-artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili. Pero' r-raguni li ta t-Tribunal tapplika ghaz-zewg eccezzjonijiet.

2. Ghal dak li jirrigwarda l-preskrizzjoni, il-qorti tosserva:

    i. Il-kontijiet huma datati 23 ta' Awissu, 2012. Fir-rikors tal-appell intqal li l-preskrizzjoni bdiet tiddekorri minn meta nhargu l-kontijiet. Madankollu mill-provi rrizulta li wara li nhargu l-kontijiet, kien hemm diskussjonijiet bejn il-partijiet minhabba li l-konvenuta kienet tal-fehma li s-somma li ntalbet thallas kienet ezagerata. Tant hu hekk li qalet: *"Fl-ahhar kienu tawni kont enormi li zgur ma kienx jirrifletti x-xoghol illi ghamlu"* (fol. 99).

    ii. L-attur ipprezenta l-kawza fis-16 ta' Settembru, 2014;

    iii. It-tieni eccezzjoni tal-konvenuta taqra: *"Fit-tieni lok xejn ma huwa dovut lill-attur billi x-xoghol ma sarx skont is-sengha u l-arti u lanqas skont kif kien miftiehem.* ***Ic-certifikat tal-perit Andrew Vinci fil-fatt ma jirriflettix il-ftehim f'liema kienu dahlu l-partijiet qabel ma sar ix-xoghol****"*. Il-qorti tifhem li r-riferenza ghar-rapport tal-perit Vinci kienet fir-rigward tal-prezz ghal kull point tal-elettriku (€27.95) li jissemma fir-rapport, tant hu hekk li fir-rikors tal-appell intqal:

        > *"Illi minbarra dan, il-konvenuta appellanta fl-eccezzjonijiet taghha tghid illi x-xoghol ma kienx skont kif miftiehem u li c-certifikat tal-perit Andrew Vinci fil-fatt ma jirriflettix il-ftehim f'liema kienu dahlu l-partijiet qabel ma sar ix-xoghol.* ***Fil-fatt irrizulta li l-istess rapport tal-Perit Andrew Vinci kien ibbazat fuq rata differenti minn dik maqbula mill-partijiet ta' Lm10 ghal kull point, izda gie applikat ir-rata ta' Eur27.95 ghal kull point (ekwivalenti ghal Lm12)****"* (enfazi tal-qorti).

        Hu ghalhekk evidenti li bit-tieni eccezzjoni l-konvenuta kienet qeghda ssostni li s-somma li talab l-attur kienet ezagerata.

    iv. Il-konvenuta xehedet: *"Qed nigi mistoqsija jekk jiena kontx lesta nhallas il-kont illi hareg il-Perit Andrew Vinci,* ***jiena nghid illi ma kontx lesta nhallas dak l-ammont kollu*** *peress illi l-perit tieghi tani somma differenti u jiena kont lesta nhallas din is-somma meta x-xoghol ikun lest. Fil-fatt ix-xoghol ghadu mhux lest"*.

Minn dan kollu hu evidenti li l-konvenuta kienet qeghda ssostni li l-kont tal-attur kien ezagerat. Il-qorti taqbel mat-Tribunal li, *"(...) l-konvenuta ma tistax tecepixxi l-preskrizzjoni u fl-istess waqt tghid illi l-kont huwa wiehed gholi"*. Eccezzjoni tal-preskrizzjoni m'hijiex kompatibbli mal-verzjoni li l-hlas mitlub hu ezagerat. Ragunament li jghodd irrispettivament jekk ghall-kaz in ezami japplikax l-artikolu 2148(a) jew 2149(a) tal-Kodici Civili. Il-qorti zzid li ma taqbilx mal-konvenuta li eccezzjonijiet fil-meritu jinghataw bla pregudizzju ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Fl-ewwel lok fit-tieni eccezzjoni l-konvenuta ma jinghad li l-eccezzjoni fil-meritu nghatat bla pregudizzju ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. F'kull kaz il-kliem *'bla pregudizzju'* ma kienu ser jaghtu l-ebda beneficcju lill-konvenuta (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri), **Guido J. Vella vs Dr Emanuel Cefai** tal-5 ta' Ottubru, 2001). Fil-fehma tal-qorti r-ragunament ta' dik il-qorti ghandu japplika wkoll fejn fil-meritu l-konvenut jsostni li l-hlas pretiz hu eccessiv.

3. Ghal dak li jirrigwarda l-meritu, il-konvenuta kient inkarigat lill-perit Alistair Avallone biex jaghtiha parir. Min-notamenti li pprezenta waqt id-deposizzjoni, jirrizulta li fl-24 ta' Awissu, 2012 kien mar jara x-xoghol. Ghal dak li jirrigwarda x-xoghol ta' elettriku u plumbing, kull ma jinghad f'dawn in-notament huma:

   *"- Bends in invoice given now about 48 !!!! too much.*
   - *Too many elbows, + pipes + reducers for amount of actual work carried out.....*
   - *55 sockets in electricity bill (when we counted sockets and points (2 for each double plug), we counted 42 in total (extra 13 @ €28)".*

   Il-kumplament tan-notamenti jirreferu ghal xoghol li ma sarx mill-attur.

4. Minn dak li xehed il-perit Avallone u iktar important min-notamenti, ma ssemmiex li l-attur wettaq xoghol difettuz, hlief ghal *"tap in yard not working"*. Issemma wkoll drain fil-bitha, pero' m'huwiex car min ghamel dak ix-xoghol, cjoe' jekk huwiex l-attur jew missieru li kellu ftehim mal-konvenuta dwar xoghol iehor. Li rrizulta mill-provi wkoll hu li l-persuna li lestiet ix-xoghol wara l-attur, qal:

   > *"Nixtieq nigbed l-attenzjoni u nghid illi x-xoghol li sar qabli kien xoghol li sar sew....."* (fol. 105).

5. Il-qorti zzid ukoll l-istess perit Avallone mistoqsi mit-Tribunal sabiex jaghti stima tax-xoghol li ghamel l-attur qal, *"jiena nikkalkula li ma ghandux jaqbez l-elfejn ewro (€2,000)"* (fol. 104). Zied li f'dik is-somma kien hemm inkluz ix-xoghol relatat mas-sistema tad-drenagg, u *"(...) jekk innaqqas dan id-drenagg l-ammont li nistma jiena ghax-xoghol kien ta' elf u hames mija (€1,500) ghad-dawl u ilma"*. Pero' l-perit Avallone ma ta l-ebda spjegazzjoni ta' kif wasal biex jaghti stima

ta' €1,500, u x'kellu jaqsam ix-xoghol fuq is-sistema tad-drenagg meta hemm qbil li dak ix-xoghol ma sarx mill-attur. Fil-fatt m'hemmx prova li x-xhud ghamel xi kalkoli qabel ma semma s-somma ta' €1,500. Stima li hu evidenti li nghatat waqt li x-xhud kien fuq il-pedana u ma jirrizultax li wasal ghaliha wara li ghamel xi kalkoli. F'dawn ic-cirkostanzi l-qorti m'hijiex tal-fehma li t-Tribunal kellu jiddeciedi a bazi ta' dak li qal dan ix-xhud.

6. Ghal dak li jirrigwarda l-ilment tal-konvenuta li x-xoghol ma kienx kollu lest, mill-provi ma jirrizultax li fil-pretensjoni tal-attur hemm kompriza spiza ghal xoghol li m'ghamilx. Madankollu fis-sentenza t-Tribunal qies dak il-fattur meta naqas l-ammont pretiz mill-attur.

7. Il-konvenuta lmentat ukoll li mis-sentenza tat-Tribunal ma kienx jirrizulta li kkunsidra dak li xehed il-perit Avallone li, *"kien hemm kwotati ninety nine 99 metres ta' pajpijiet dan huwa ezagerat peress illi biex tuza ninety nine metres trid tmur it-tul tal-post tmien darbiet"*. A bazi ta' din il-verzjoni, il-konvenuta qalet:

> *"(...) hi m'ghandhiex tigi kkundannata thallas ghal dan il-materjal li zgur ma ntuzax f'appartament ta' tlett ikmamar, kif ikkonferma l-perit Avallone stess"*.

Ghalhekk l-ilment tal-konvenut hu fuq il-prezz tal-materjal. Mill-kont jirrizulta li dan il-materjal (*pipe* tal-ilma bi hxuna ta' 15mm) inghata prezz ta' €138. Il-perit Avallone ghalkemm qal li dak il-kejl hu eccessiv meqjus il-kobor tal-fond u x-xoghol li ghamel l-attur, ma esprimiex opinjoni dwar il-kejl li probabilment intuza.

It-Tribunal irriduca l-ammont pretiz mill-attur ghar-raguni li l-attur ma lestiex ix-xoghol kollu u thallas ukoll id-doppju tal-points.

Il-qorti tqies li f'dan l-ilment il-konvenuta ghandha ragun, gialadarba kien hemm parir ta' perit li dak it-tul ta' pipe kollu kien ezagerat meta tqies id-daqs tal-fond u x-xoghol li sar mill-attur. Fic-cirkostanzi l-qorti ser tnaqqas is-somma ta' sittin ewro (€60) ohra mis-somma ta' €2,500. B 'hekk is-somma dovuta lill-attur hi elfejn erba' mija u erbghin ewro (€2,440).

8. Ghal dak li jirrigarda t-tielet eccezzjoni, din taqra:

> *"Fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall-premess in-nullita tat-talba billi evidentement l-attur lanqas ma qieghed jiddikjara VAT, tant li lanqas ma ezebixxa invoice fiskali – il-pretenzjoni tal-attur ghalhekk huwa bi frodi ghall-errarju pubbliku"*.

Il-fatt li fil-kontijiet ma tissemmiex it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud, ma jfissirx li l-konvenuta ghandha xi jedd li tahrab mill-obbligu li thallas ghal xoghol li sar. Ovvjament ladarba thallas, ghandha jedd li tinghata

ricevuta fiskali. Dan apparti li l-attur xehed li fir-rigward ta' dik it-taxxa, hu exempt person (fol. 19). F'kull kaz jekk il-konvenuta ghandha x'ilment f'dan ir-rigward tista' taghmel rapport mad-Dipartiment relattiv.

9. L-aggravju dwar l-ispejjez ifalli minhabba li hu bazat fuq dawn ir-ragunijiet:

> *"(….) l-azzjoni hija preskritta kif gia spjegat fl-ewwel aggravju u wkoll minhabba l-fatt illi l-ammont li talab l-attur appellat ma huwiex dovut….".*

Ladarba ma nghatatx ragun, dan l-aggravju jfalli.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell parzjalment u tvarja s-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar fis-sens li tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' elfejn erbgha mija u erbghin ewro (€2,440), u tikkonfermaha ghall-kumplament.**

**Spejjez tal-appell jinqasmu in kwantu ghal 10% a karigu tal-attur u 90% a karigu tal-konvenuta.**

Anthony Ellul.